MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

12 ta' Jannar 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.31pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjura Connie Scerri li sal-bidu tal-laqgħa kienet għadha ma daħlitx.

## 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

39.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sinjura Connie Scerri kienet preżenti għal-laqgħa pubblika li saret qabel, issa għandha xi problem tekniċi u allura forsi tidħol iktar tard.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1 Il-Minuti ġew approvati.

## 39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

39.3.1 *Bazaar 2021*

Is-Sur Cordina qal li fil-Bazaar ta' din is-sena u dejjem grazzi għall-isforz li sar mill-istaff, iġifieri Marica u l-iskrivani fejn ġabu bosta affarijiet b'xejn, ġarrew kollox huma inġabret is-somma €1264.40c. Hu qal li l-kumplament tal-affarijiet marru l-iskola tan-Naxxar biex jinġabru flus għall-*food bank.*

39.3.2 *Tenders*

Qal li t-tender tal-Uffiċċini qiegħed online u jagħlaq nhar is-Sibt li ġej. S'issa m'appella ħadd u qed jispera li ma jappella ħadd ħalli jekk Alla jrid il-Perit jissottometti kollox l-Awtorità tal-Ippjanar u jibdew.

Is-Sur Cordina qal li hemm żewġ tender oħra x'jiġu aġġudikati li huma tat-tabelli u sinjali u tal-knis. Hu qal li tat-tabelli ħarġet u għalqet filwaqt li tal-knis għadha għaddejja mill-iskrutinju tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u għad trid tmur id-Dipartment tal-Kuntratti. Hu qal li kellhom jieħdu deċiżjoni iebsa li jitwaqqaf dan il-kuntratt kif jaf kulħadd u ddaħħal servizz t'emerġenza. Qal li l-Kuntratt mitlub ħa jesiġi ħames ħaddiema, xufier u li ħa jkun hemm żieda fil-*bins* li ha jiġu ssuppillixxuti mill-Cleansing Services Department. Is-Sur Remigio Bartolo saqsa kif ħa jkun il-vann? Qali li jekk il-vann ikun bis-*separator* aħjar għax l-iskart jiġi separate *at source*. Is-Sur Galea, kif ukoll il-kumplament tal-Kunsill qablu li t-trakk għandu jkun bis-separator. L-Avukat Brincat imma qal li ma jimmaġinax li waqt li jikinsu ħa jisseparaw. Is-Sur Cordina qal li dan jgħodd għall-ġbir ta' skart mill-*bins* li ħa jkunu bħal dawk tal-Belt Valletta. Is-Sur Cordina rrisponda li s-Sur Victor Galea li saqsa meta ħierġa fejn qal li din ma ħarġitx u għalhekk kien qed jipproponi bħalha evalwaturi lis-Sur Remigio Bartolo, l-Avukat Helen Caruana u s-Sur Christopher Galea. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 39.4.1 Victor Galea

- Qal li inqalgħu it-tabelli fi Triq ix-Xarolla u minn *one-way* reġgħet ġiet *two-way*. Is-Sur Cordina qal li dawn saru u xi ħadd qalahom. Qal li n-nies jafu min qalahom u issa la ħa l-liġi b'idejh jiffaċċja l-konsegwenzi. Is-Sur Galea li issa ġiet *two way* imma. Is-Sur Cordina qal Infrastructure Malta qalet li Traffic Board kien issuġġerixxa li ħruġ fuq il-main roads ma jsirx imma peress li kien hemm persuna ssuq il-*coaches* li qalet li ma tikkwartjax għamlu eċċezjoni bħalha ħruġ imma minn Luigi Ellul mhux minn Xarolla.

  Qal li hu ġie minn Sqallija bi trakk tal-40 pied u dar qisu mhux hu. Hu qal li ma jarax li hu sew li kif jitkellmu n-nies idur kollox. Is-Sur Cordina qal li hemm nies kompetenti biex jiddeċiedu dawn l-affarijiet u ma jħossx li għandu jidħol fihom. Is-Sur Galea qal li l-affarijiet mhumiex sew u llum taħt id-dar tiegħu għadha kif saret id-disa' ħabta. Is-Sur Cordina qal li hu konxju minn dan għax saħansitra l-ispeed hu wieħed fenomenali u mill-bidu tal-bypass sa ħdejħ laħħaq il-157 km fis-siegħa u l-ħtieġa ta' *speed camera* qed tinħass. Hemm *average* ta' 80-90km fis-siegħa u hemmhekk il-bypass il-limitu hu 60km fis-siegħa. Hu qal ukoll li qed ikunu fil-bypass bi *speed guns* fejn min jaqbeż il-limitu qed jingħata ċitazzjoni. Is-Sur Galea u l-Perit Schembri ikkonfermaw li vera qed jgħaddu vetturi bi *speed eċċessiv* speċjalment il-Ħadd filgħodu. Is-Sur Cordina qal li saru laqgħat u japprezza jekk ikun invitat.

- Issuġġerixxa li jsir double yellow line fi Triq il-Linja minħabba li trakkijiet ma jdurux. Is-Sur Cordina qal li ma jaqbilx li jitneħħa parkeġġ imma jippreferi li tidjieq il-bankina kieku jekk il-Kunsill jingħata permess. Qal li jekk wieħed isuq bil-mod idur u li din hi sitwazzjoni bħal ma ilhom jinsistu għall-Tursin ir-Riħ li trid tkun vera ma tafx issuq biex ma ddurx ma dan it-triangolu. Il-Perit Schembri qal li ma jaqbilx li tidjieq għax trakkijiet għandhom minn fejn jgħaddu u żoni bħal dawn għandhom jitħallew għar-residenti.

  Is-Sur Cordina wera filmat ta' kif it-trakkijiet jagħmlu *short cut* kullimkien. Qal li dan fil-*bypass* inti u ħiereġ minn Tumas Chetcuti jipperikola lill-vetturi ġejjin biex jidħol il-barriera. Qal li dan il-filmat mar għand Infrastructure Malta u għand min kellu jmur, issa ħa jieħdu azzjoni huma. Il-Perit Schembri qal li għandhom jittieħdu miżuri kontra trakkijiet goffi.

  Is-Sinjura Scerri daħlet f'dan il-mument 6.12pm

- Saqsa fuq is-*cycle lane.* Is-Sur Cordina qal li fuqhom dawn ma jista' jipparkja ħadd. Kompla jgħid li suppost kellu jsir parkeġġ fuq is-żewġ naħat imma peress li t-triq ġiet *one-way* il-vetturi ġew ma jistawx jikkwartjaw biex iduru 'l fuq. Sar suġġeriment mis-Sur Cordina biex din is-*cycle lane* isir parkeġġ bil-ħin mid-7 ta' filgħaxija sad-9 ta' filgħodu. Rigward Triq Oliver Agius qal ukoll li sar suġġeriment min-naħa tiegħu biex din flok *no entry except route buses* issir *except for residents* biex residenti tat-toroq tal-Ħafur, Tumas Chetcuti u oħrajn ikunu jistgħu jidħlu wkoll.

Is-Sur Remigio qal li wisq jaħseb li jekk ma tkunx tista' tintuża f'dawn il-ħinijiet jista' jkun hemm kritika minn xi nies. Is-Sur Cordina qal li hu primarjament qiegħed ghas-servizz tan-nies ta' Ħ'Attard. Wera wkoll ritratti ta' Triq Ferdinand Inglott fejn residenti spiċċaw bla parkeġġ u kull ma fadal tliet parkeġġi biss. Huma tilfu miżerjament mas-60 parkeġġ u biex tgħaxxaq infetħet *showroom* ukoll. Jittama li l-affarijiet jitranġaw.

39.4.2 Giorgio Mario Schembri

- Il-Perit Schembri qal li waħda mill-laqgħat li kellhom fil-bidu kien issuġġerit li l-i*speed limit* kellu jkun 30km fis-siegħa. Vera baxx imma fiz-zoni kollha viċin is-*Central Link* kellu jkun 30km. L-importanti li jekk isir jiġi infurzat. Il-Perit Schembri irringrazzja lis-Sindku tal-intervent tiegħu fuq it-tabelli tad-dħul fuq il-bridge u dan reġa' ġie dħul u ħruġ. Qal li japprezza li x-xogħol mhux lest imma li jitħalla kollox f'dak l-istat xhur sħaħ u jintefa' traffiku fir-residenzjali. Qal li jidher qisu m'hemmx ħeġġa biex jitkompla. Irrimarka wkoll fuq is-siġar. Jidher li ħadu r-ruħ imma kieku jinżabru ftit hemm lok fejn ikunu aħjar. Qal ukoll li xtaq isaqsi fuq il-Master Plan tal-Widien u f'hiex wasal għax hu kien involut personali fih fejn kien mar mal-Kuntrattur u ma sema xejn iktar. Is-Sur Cordina qal li m'għandu xejn ġdid fuq dan.

- Saqsa wkoll fuq l-islow streets biex jara dawn fhiex waslu fejn semma li wieħed mis-suġġerimenti kien propju li Triq il-Linja tiġi *one-way.* Is-Sur Cordina qal li ntefgħet applikazzjoni għall-fondi imma l-Kunsill ma ibbenefikax u kienet waħda mill-affarijiet li lmenta fuqhom mal-AKL għall-mod kif kienu u għadhom qed jitqassmu l-fondi taħt l-iskemi. Hu qal ukoll li qed jgħidha b'responsabbiltà fejn għandu provi li f'applikazzjoni minnhom il-Kunsill kien eliġibbli imma xorta m'ingħatax fondi. Qal li grat l-istess ħaġa b'applikazzjoni tal-mobilità fejn mingħajr għira għall-Kunsilli oħra kien hemm kollox kif suppost u din xorta ġiet rifjujtata. Qal li tkellem mas-Sur Mario Fava u ingħata raġun. Iħoss, kompla jgħid li dan mhux ġust fejn impjegata minnhom għamlet ġranet sħaħ tiġbor il-kwotazzjonijiet u din ġiet rifjutata għalkemm kienet eżatt bħal ta' Kunsilli oħra u ma kienx lok għalfejn tiġi rifjutata. Il-Perit Schembri qal li jekk jista' jkun t'għajnuna kemm wieħed jikkmandah.

39.4.3 Remigio Bartolo

- Qal li rigward l-iskema tal-fondi għall-Milied il-programm kien rah u jikkonferma li kien mimli affarijiet bħal Xmas Carols konnessi ma' dan il-perjodu.
- Qal li qed jissuġġerixxi li Jum Ħ'Attard jiġi mċaqlaq minn Marzu għall-Awwissu xi ftit viċin il-festa, isir *open air*. Kulħadd qabel. Rigward id-data kemm is-Sinjura Mifsud u s-Sinjura Sammut urew ix-xewqa li jkunu jafu d-dati biex ikunu jistgħu jippjanaw. Is-Sur Cordina qal li din għandha tkun bejn il-5 u s-7 ta' Awwissu. L-Avukat Caruana flok is-6 ta' Awwissu issuġġeriet it-12 t'Awwissu minħabba l-festa tas-Salvatur. Kulħadd qabel.
- Saqsa jekk sarx kuntatt mal-*Headmistress* tal-iskola rigward il-kompetizzjoni tat-trofew. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa tagħmel kuntatt hi biex ma jitħalliex ħafna żmien jgħaddi.

## 39.5 Approvazzjoni ta' *Performance Appraisals 2021*

39.5.1 Is-Sur Stefan Cordina għadda l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv li min-naħa tagħha qalet li l-ħaddiema kollha inkluż hi lestew l-*Appraisals u* li tagħha ovvjament tgħaddieh bħas-soltu lilu. Is-Sur Cordina qal li bażikament il-ħaddiema ikollhom il-*perfomance bonus* ta' kull sena u hu tal-opinjoni li għadhom jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* inkluża s-Sinjura Marica Mifsud. Is-Sur Remigio Bartolo qal mill-ewwel li jaqbel perfettament.

Is-Sur Victor Galea qal li għandu r-riżervi tiegħu għax mhux sewwa li l-istaff tal-Uffiċċju jingħata l-*Performance Bonus* u l-ħaddiema li jaħdmu barra le għax ġejjin minn entitajiet oħra ma jieħdux. Hu qal li dawn bħall-oħrajn jaħdmu. Is-Sur Cordina qal li din hi xi ħaġa fejn la l-ħaddiema mhumiex ħaddiema tal-Kunsill ma jistgħux jieħdu l-*Performance Bonus.* Hu qal li l-ħaddiem fuq barra li hu mpjegat tal-Kunsill ħa jieħdu imma l-ħaddiema l-oħra li huma ex-Drydocks u Enemalta ma jistgħux ituhulhom. Is-Sur Victor Galea qal li tista' ssir talba imma. Is-Sur Cordina qal li dawn il-ħaddiema mislufin u mhumiex fuq il-kotba tal-Kunsill w'għaldaqstant il-Kunsill ma jistax. Is-Sur Galea qal li hemm erbgħa ħaddiema tajbin bi ftit paga imbagħad tarahom sejrin u titlef il-*manpower*. Is-Sur Cordina assigurah li l-pagi ta' dawn il-ħaddiema mhumiex daqshekk ħżiena u li l-ħaddiema kollha tal-Kunsill ħa jieħdu il-*Performance Bonus.* Is-Sur Victor Galea qal li m'għandu l-ebda oġġezzjoni, qas xejn, anzi jixtieq li jieħduh il-ħaddiema l-oħrajn ukoll biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni.

Is-Sur Alex Mangion qal pubblikament grazzi lis-Sinjura Mifsud u l-ħaddiema l-oħra tax-xogħol siewi li jagħmlu u li għalkemm huma ma jkunux hemm kuljum jaf kemm jaqilgħu fuq rashom u jaħdmu biex ikunu konformi mal-liġi. Is-Sur Bartolo issekonda. Is-Sinjura Scerri qalet prosit u *well done* lil kulħadd. Is-Sur John Bonnici saqsa jekk il-*Performance Bonus* hux l-istess ta' kulħadd. Is-Sur Cordina qal li mhux l-istess imma skont l-iskali filwaqt li l-Avukat Caruana kkofermat li jingħata bħalha persentaġġ. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

Is-Sur Cordina għalhekk għadda Riżoluzzjoni proposta u ffirmata minnu u s-sekondata mis-Sur Remigio Bartolo fejn fiha hemm imniżżel li l-istaff kollu għandu jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus* cioe' 10% fil-każ tas-Segeretarju Ezekuttiv u 6% fil-każ tal-impjegati tal-Kunsill. Kulħadd qabel.

## 39.6 Approvazzjoni ta' *Baġit 2021*

39.6.1 Is-Sur Cordina qal li dan il-Baġit ġie diskuss waqt il-laqgħa Pubblika u għalhekk ġie maqbul u approvat hekk kif ippreżentat.

## 39.7 Rapporti: Rapport Amministrattiv 2020

39.7.1 Is-Sinjura Mifsud qalet li dan ir-rapport jinkludi l-*Annual Audit Report 2020* u jiġi kumpilat għall-fini li juri l-ħidma tal-Kunsill fis-sena preċedenti. Dan barra r-rapport li għadu kif isemma jinkludi l-attendenza għall-laqgħat mill-Kunsilliera, kif inhu kompost il-Kunsill bhalha ħaddiema, id-dħul tal-Kunsill, x-xogħolijiet li saru, ġew organiżżati korsijiet tal-Lifelong Learning, diskussjonijiet fuq is-saħħa, il-Blood Mobile Unit, il-Hybrid Festival, kompetizzjonijiet b'materjal riċikklabbli, saru rampi t'aċċess għall-persuni b'diżabilità, bdew xi xogħolijiet fuq toroq minn Infrastructure Malta u tranġaw xi culverts fi Triq il-Mosta u Triq Hal-Warda, kien preżenti t-trakk tas-*Sort it Out* tul is-sena kollha, wirt storiku li tlesta l-proġett tal-Embankment b'investiment ta' €151,444.74 u bosta interventi oħra bħal meta inxtelgħet il-faċċata blu, vjola u ħamra flimkien ma' bosta interventi oħra. Dan ġie approvat.

## 39.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

39.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet għandha għall-approvazzjoni t-tiġdid tal-leave bħal kull sena. Qalet li Karen Fsadni, Yanica Sammut u Arthur Caruana kien fadlilhom 6 ijiem skont kif titlob il-liġi li magħdudin mat-28 ġurnata ta' din is-sena. Hi qalet li għalkemm is-Sindku ġa approvahom hi xtaqet tinfurmahom li s-Sinjura Diandra Borg Fenech kienet ġemmat il-*leave* biex tmur *Honeymoon* is-sena l-oħra imma minħabba l-Covid ma setgħetx tmur u allura se tipprova tmur din is-sena. Kulħadd qabel li jiġi approvat.

Is-Sur Victor Galea qal li l-importanti li meta jiġu mitluba jidħlu minn xi *leave* dawn jidħlu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qatt ma nżerta l-każ għax huma minn jhedhom ġa jagħmlu hekk bħal ma dan l-aħħar kienet indisposta hi u sabet l-għajnuna mill-kollegi għax wara kollox dan hu t-Teamwork li hi dejjem bniet.

## 39.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

39.9.1 L-Avukat Caruana saqsiet fuq it-tindif tal-Embankment u li hi ammont konsiderevoli. Is-Sur Cordina qal li dan hemm ammont ta' xogħol konsiderevoli u li xahar iva u xahar le irid isir. Dan ix-xogħol isir regolari w'għaldaqstant l-Avukat Caruana issuġġeriet forsi tinstab persuna u toħroġ sejħa għall-sena biex wieħed jiffranka lira u jikseb prezzijiet aħjar. Dan is-suġġeriment ġie milqugħ wara li bosta argumentaw li dan ix-xogħol ma tistax tipprevedieh. Ikun hemm ġranet fejn jitla' ħafna u oħrajn inqas. L-Avukat Caruana qalet li wieħed jiddiskuti biex forsi jġib prezz aħjar.

Is-Sur John Bonnici qal li ġaladarba qed jissemma' l-ħaxix hemm bżonn xi żbir imbagħad jinżel l-Uffiċċju bir-ritratti biex juri l-post eżatt u li Ħ'Attard hemm Vet ieħor biex il-Kunsill jippruvah. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel ma il-Kunsill japplika għal xi skema tal-LC Care ikun ġab kwotazzjonijiet differenti u dawn jintgħazlu skont min hu l-irħas. Qalet li rigward l-iskemi preżenti dawn kwazi magħluqa u li jekk ikun hemm skemi oħrajn jibqgħu ċerti li ħa jġibu tliet kwotazzjonijiet mingħand kull min jissupplixxi s-servizz fil-lokalità.

Is-Sur Victor Galea issuġġerixxa li jinqasmu. Is-Segretarju qalet li offerta ma tistax tinqasam tieħu biċċa minn hemm u biċċa min hawn għax ir-regoli finanzjarji ma jipprermettux dan.

## 39.10 Mozzjonijiet; u

39.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 39.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

39.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.49pm u ġiet aġġornata għas-16 ta' Frar 2022 fil-5.30pm

Konfermati, illum 16 ta' Frar 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |